

Il-fatt li l-ipoteżi tal-Qorti Ġenerali, li t-trade mark ma għandha l-ebda karattru distintiv fl-Unjoni Ewropea kollha, hija bla bażi ssir iktar ċara permezz tal-fatt li t trade mark inkwistjoni hija rreġistrata fi 15-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

It-tieni aggravju jikkonċerna d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li t-trade mark għandha tkun kisbet karattru distintiv permezz tal-użu fl-Unjoni Ewropea kollha, li hija żbaljata għal żewġ raġunijiet.

Minn naħa, il-Qorti Ġenerali tinjora li l-karattru distintiv għandu jiġi miksub permezz ta' użu, biss fejn it-trade mark ma għandux diġà karattru distintiv. Fil-15-il Stat Membru 15 fejn it-trade mark inkwistjoni għandha karattru distintiv intrinsiku, ma hemmx lok li jiġi mitlub il-ksib tal-karattru distintiv permezz ta' użu. Li kieku kellu jintlaq' li bħala parti mill-evalwazzjoni, il-karattru distintiv għandu jerġa' jiġi vverifikat fl-Istati Membri individwali, wieħed għandu wkoll għalhekk jiddetermina l fatti hemmhekk. Billi skont l-Artikolu 74 tar-Regolament, il-karattru distintiv għandu jiġi evalwat mill-UASI *ex officio*, l-UASI għalhekk kellha tagħmel sejbiet individwali għal kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. L-UASI u l-Qorti Ġenerali naqsu milli jagħmlu dan.

Min-naħa l-oħra, il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ma humiex kompatibbli mal-prinċipju ta' uniformità tat-trade mark Komunitarja. Fl-evalwazzjoni tan-natura reġistrabbli u, b'mod partikolari f'dan il-każ, tal-karattru distintiv, l-Unjoni Ewropea għandha titqies bħala suq uniku komuni. Jekk għal maġġoranza tal-popolazzjoni kollha tal-Unjoni Ewropea, hemm karattru distintiv intrinsiku, dan għandu jkun ukoll biżżejjed għal protezzjoni fis-suq Ewropew kollu.

---

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2011 minn Helena Rubinstein, L'Oréal mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2010 fil-Kawża T-345/08: Helena Rubinstein SNC, L'Oréal SA vs l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Allergan, Inc.**

(Kawża C-100/11 P)

(2011/C 145/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Appellanti:** Helena Rubinstein SNC, L'Oréal SA (rappreżentant: A. von Mühlendahl, Rechtsanwalt)

**Appellati:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Allergan, Inc.

### Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2010 fil-Kawża magħquda T-345/08 u T-357/08;
- tiċħad l-appelli ppreżentati minn Allergan, Inc. kontra d-deċiżjonijiet tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-Uffiċċju tat-28 ta' Marzu 2007 fil-Każ 1118 C (Helena Rubinstein SNC, BOTOLIST) u tal-4 ta' April 2007 fil-Każ 1120 C (L'Oréal SA, BOTOCYL);
- tikkundanna lill-Uffiċċju għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u quddiem il-Qorti Ġenerali, kif ukoll dawk għall-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti jsostnu li s-sentenza kkontestata għandha tiġi annullata għar-raġunijiet li ġejjin:

Li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 52(1) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja<sup>(1)</sup> flimkien mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja billi ddeċidiet li l-Uffiċċju kien iġġustifikat li jiddeċiedi li t-trade marks preċedenti li bbażat ruħha fuqhom Allergan, Inc. kellhom reputazzjoni u li l-użu tar-reġistrazzjonijiet ikkontestati jieħdu vantaġġ inġust minn jew ikunu ta' ħsara għall-karattru distintiv jew għar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti.

Li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 115 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja flimkien mal-Artikolu 1 Regola 38(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95<sup>(2)</sup> tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità, kif emendat (iktar 'il quddiem imsejħin "Regola 38" u "Regolament li jimplementa r-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja"), billi ħadet inkunsiderazzjoni provi li ma ġewx prodotti fil-lingwa tal-kawża.

Li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 63 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja billi rrevediet u kkonfermat id-deċiżjonijiet ikkontestati skont standards legali żbaljati.

Li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 73 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja billi ddeċidiet li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma kinux invvizzjati b'nuqqas ta' motivazzjoni suffiċjenti.

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189.